MARSASKALA

# RAPPORT AMMINISTRATTIV
## SENA TA' ĦIDMA
## 1 ta' Jannar 2010 - 31 ta' Diċembru 2010

## Introduzzjoni

Dan ir-rapport Amministrattiv jiġbor fih il-ħidma li għamel il-Kunsill Lokali matul il-perjodu li jibda 1 ta' Jannar 2010 sal– 31 ta` Diċembru 2010.

Il-Kunsill kif kien kompost kif ukoll ir-responsabilitajiet tas-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera kienu kif jidher hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Is-Sindku Mario Calleja: | Finanzi, Infrastruttura, Proġetti Kapitali, Ordni Pubblika, Self Employed, Relazzjonijiet mal-Għaqdiet u Soċjetajiet Lokali, Attivitajiet Soċjali u Affarijiet Rurali. |
| Il-Viċi Sindku Charlot Mifsud: | Saħħa, Anzjani, Persuni bi bżonnijiet speċjali u ħarsien tal-annimali |
| Il-Kunsillier Carmen Fearne: | Familja, Edukazzjoni u Kultura |
| Il-Kunsillier Lawrence Ciantar : | Ambjent, Ġonna Pubbliċi u *Playing fields* |
| Il-Kunsillier George Farrugia : | Relazzjonijiet Pubbliċi, Rivista(*News Letter*) u Turiżmu |
| Il-Kunsillier Daniel Spiteri : | Żgħażagħ, Sports u Faċilitajiet Sportivi |
| Il-Kunsillier John B. Camilleri: | Enerġija, Wirt Storiku u Fċilitajiet Sanitarji |
| Il-Kunsillier Sandro Gatt: | Marittimu u Ġemellaġġi |
| Il-Kunsillier Jesmond Mugliett : | Indafa Pubblika, Trasport Pubbliku u IT *website updating* |

Kif wieħed qiegħed jinnota, din is-sena ir-Rapport Amministrattiv qiegħed isir fuq bażi ta' 12 –il xahar, mill-ewwel tas-sena sa l-aħħar tas-sena li tkun għaddiet.

Dawn l-aħħar 12-il xhur tas-sena 2010 kienu bla dubju bla waqfien li matulhom il-Kunsill iltaqa` erbgħatax (14)-il darba sabiex jiddiskuti ħdax(11)-il aġenda.

Nhar id-19 ta' Frar 2010 saret l-aħħar "Laqgħa Pubblika" li matulha nqara r-rapport amministrattiv għax-xhur Lulju – Diċembru 2009 u wara saret diskussjoni mir-residenti preżenti.

L-attendenza tal-Kunsilliera għall-laqgħat tal-Kunsill kienet hekk:

| Isem | Nru ta' Laqgħat | Preżenti | Assenti | Skużati | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku is-Sur Mario Calleja | 14 | 14 | / | / | 14/14 |
| Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud | 14 | 14 | / | / | 14/14 |
| Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri | 14 | 10 | / | 4 | 10/14 |
| Il-Kunsilliera is-Sinjura Carmen Fearne | 14 | 11 | / | 3 | 11/14 |
| Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar | 14 | 13 | / | 1 | 13/14 |
| Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia | 14 | 6 | / | 8 | 6/14 |
| Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri | 14 | 12 | / | 2 | 12/14 |
| Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt | 14 | 12 | / | 2 | 12/14 |
| Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett | 14 | 14 | / | / | 14/14 |

Matul dan il-perjodu kienu approvati mija u tmien (108) mozzjoni li l-maġġoranza tagħhom ġew implimentati.

Matul din is-sena l-Kunsill kellu allokazzjoni finanzjarja ta` €678,785 u dan mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010 mill-Gvern Ċentrali. Ma dawn iżda l-Kunsill irnexxielu jakkwista madwar €200,000 oħra, li €150,000 minnhom ġew mill-*Urban Improvement Funds* (U.I.F) u €50,000 minn skemi oħra li ħareġ il-Gvern Ċentrali tul is-sena 2010, fosthom huma fondi lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali, premju nazzjonali appoġġ lill-Intrapriża, premju lokalitajiet indaf, *lifelong learning courses*, skema ta' finazjament għal-attivitajiet, skema tal-librerija u skema ta' finazjament għal restawr ta' postijiet storiċi. Il-Kunsill għandu l-ħsieb ukoll illi fis-sena 2011 japplika għall-fondi tal-U.I.F biex jakkwista madwar €200,000 biex jitwettqu żewġ proġetti li jikkonsistu fil-bini tal-monument tad-*Douzelage* fuq il-pont faċċata tar-restorant ta' Grabiel għal tibdila radikali tal-bandli Pjazza Mifsud Bonnici.

Il-Kunsill Lokali ta` Marsaskala ħadem b`determinazzjoni sabiex joffri kwalita` ta` ħajja aħjar, filwaqt li jkun ta` servizz għar-residenti kollha u jkun ċentru ta` nformazzjoni u ta` wens għaċ-ċittadini.

## Responsabbilta` tas-Sindku

Il-Finanzi kif spjegat diga`. Infrastruttura wieħed żgur li nduna kemm il-bankina tranġat, u rampa saret kemm għall-garaxxijiet kif ukoll biex jintużaw minn persuni bi bżonnijiet speċjali. Kien hemm garaxxijiet fejn kienu jgħerqu allura l-Kunsill irranġa biex solva l-problemi. Grazzi għall-Perit tal-Kunsill u ħafna oħrajn irnexxielna inneħħu ftit mill-uġiegħ ta` ras kbira tal-ilma baħar billi saru xi arranġamenti u sar ilqugħ minn barra fl-Pjazza Dun Tarċis Agius.

Saru diversi toroq b`sinjali ta` parkeġġi. Dawn suppost saru fi snin ta` qabel iżda għal xi raġuni jew oħra ma sarux. Allura wieħed kellu anke joħroġ xi ftit iżjed flus aktar. Saru wkoll diversi sinjali sofor *(reserved)* quddiem ir-residenzi kif ukoll dawk pubbliċi.

Dan is-sajf sar ħafna xogħol in-naħa ta` San Tumas. Sar moll ġdid wara diskussjonijiet mal-MTA u MMA kif ukoll *planters* ġew imsebbħa billi ġew mogħtija *`inprint`*. Twaħħlu xi bankijiet max-xatt li żgur taw dehra sabiħa lill-bajja.

*Railings* tal-*promenade* jinżebgħu kuljum min-nies mislufa lilna mill-Gvern Ċentrali. Nistgħu ngħidu li dawn ir-*railings* flimkien mal-bankijiet jinżebgħu tul is-sena kollha. Il-materjal jinxtara min-naħa tagħna.

*Maintenance* ta` kuljum mill-ħaddiema tagħna tal-IPSL. Dawn jirranġaw kull tip ta` xogħol inkluż *'refreshing'* ta` parkeġġi, sinjali, ċnut imwaqqa bil-maltemp, tkissir u vandaliżmu fil-postijiet rikrejattivi u xogħol ieħor. Dan apparti li ħafna mill-ħin tagħhom iqattawh anke mal-Kumitat organizzattiv tal-Kultura biex jippreparaw g]all-attivtajiet tal-Kunsill.

Din is-sena wkoll saret mill-ġdid Triq Sant` Anna. Nafu kemm kien hawn ilmenti peress li l-kuntrattur li kien ħadem lill-*Water Works* ħalla diżastru u spiċċajna anke quddiem l-Qrati Maltin. Il-Kunsill innegozja mat-Trasport Malta u wasal li kif jispiċċa x-xogħol fuq il-*By Pass* jagħmel ukoll Triq Sant` Anna. Fil-fatt din saret billi l-Kunsill għamel il-bankini u l-Gvern Ċentarli għamel it-tarmak.

Wieħed ma jistax ma` jsemmix il-bini mill-ġdid tal-*By Pass*. Veru li x-xogħol sar kollu mill-Gvern, iżda l-Kunsill kien involut dejjem biex wieħed inaqqas l-inkonvenjent lir-residenti speċjalment fejn jirrigwardja trabijiet, strobju, tqassim tat-traffiku eċċ. Fil-fatt konna mistiedna anke bħala nies distinti fil-ftuħ tal-istess *By Pass*.

Il-Kunsill irnexxielu wkoll jakkwista l-art kollha ta` Ġnien Sant' Anna. Dan iffisser minn fejn iz-Zuntier tal-Knisja sa ħdejn il-Klabb tal-Boċċi. Hawn apparti l-bini Amministrattiv tal-Kunsill li diġa hemm il-permessi relattivi għalih. Wieħed irid issa issebbaħ il-madwar tiegħu kif ukoll wieħed jista` jaħdem fuq il-problema tal-għargħar fil-pjazza. S`issa għadna ma bdejniex fuqu peress li kien hemm żewġ ġonna oħra li riedu jitlestew, fil-fatt infetħu u niġi għalihom iżjed il-quddiem. Hawn għad iridu joħorġu nteressi tal-espressjoni minn diversi Periti, issir konsultazzjoni ma` dawk ir-residenti nteressati u wara jinħarġu sejħiet għall-offerti biex jinbeda x-xogħol. Dan ħajr għall-Ministeru tal-Artijiet li għaraf l-għaqal ta` dan il-Kunsill u ħareġ id-devoluzzjoni ta` din l-art.

Fil-preżent għaddej ukoll żvilupp fuq Ta` Monita li jitlesta sa l-aħħar tas-sena 2011, fuq is-sit tal-lukanda Etvan fejn ukoll żewġ toroq fil-ġenb tiegħu dik ta` Triq Nigel Denis u Triq il-Gandoffli u tajjeb wieħed isemmi wkoll il-proġett tal-park tal-familja. Dawn għalkemm mhux xogħol tal-Kunsill, il-Kunsill ikollu laqgħat u kuntatti kontinwi, u dan fl-interess tar-residenti biex dejjem jitnaqqas l-inkonvinjent lir-residenti tagħna.

M` hemmx għalfejn wieħed jgħid illi l-Kunsill il-ħin kollu bil-pressjoni mal-Gvern Ċentrali biex isir il-bini mill-ġdid tat-toroq li fadal fil-lokal tagħna. Fadal suppost 26 waħda. Fil-fatt fil-preżent qegħda issir Triq il-Quċċata u warajha ser tibda Triq Ġuzeppi Lanzon, Triq il-Kannizzata, l-aħħar biċċa ta` Triq San Nikola. Nisperaw li sas-sajf jkunu lesti biex jibdew oħrajn.

M` hemmx għalfejn ngħidu li l-Kunsill tagħna żamm ukoll kelltmu fil-bini taż-żewġ ġonna wieħed f'San Tumas u l-ieħor fi Triq is-Sibbien. Żewġ ġonna ffinanzjati mill-*Urban Improvement Funds* u msemmija wieħed għall-David Vella ex Kunsillier u l-ieħor għall-Charles Clews. Żewġ siti kollha ħmieg li ġew trasformati f`ġonna li żgur ġew apprezzati mir-residenti tagħna.

Matul is-sena 2010 inħarġu ħdax (11)–il *tender* li huma tal-*accountant*, tal-*eu funding consultancy services*, tas-*supply and installation of litter bins and benches*, tal-*construction of a public garden at* Triq tal-Ħamrija, Triq is-Sibbien u Triq l-Isfar, tar-*road maintenance and patching works in access and access only roads*, tal-*maintenance and construction of pavements and paved areas works*, tal-*galvanised steel railings and gate*, tal-*insurance cover for Marsaskala Local Council*, tal-*lease of premises as a training centre to be used by Marsaskala Local Council*, tas-*supply and installation of light poles in* Ġnien David Vella St.Thomas Bay Marsaskala, u tal-*collection of mixed household waste.*

## Responsabilita` tal-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud

Għeluq sena oħra ta' ħidma fil-Kunsill fir-responsabilita` tal-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali kif ukoll l-ħarsien tal-annimali se naraw fil-qosor x'sar matul dan iż-żmien.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-infrastruttura lokali rajna li kull post jew bankina għandhom ikunu aċċessibbli għall-anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali, tbaxxew bankina, saru rampi u anke żdiedu konsiderovalment f'diversi naħat *parking bays* għall-użu tal-persuni bi bżonnijiet speċjali.

Rajna li jinġabru listi ta' nies li jkollhom bżonn għajnuniet partikolari bħal dawk li jkollhom bżonn ta' xi qadi minn dipartiment bħal mili ta' formoli jew affarijiet oħra bħal dawn. Bħal kull sena komplejna fuq id-drawwa li bi pjaċir ngħidu konna snin ilu l-ewwel Kunsill f'Malta li bdejna nipprovdu l-faċilita` li tingħata t-tilqima tal-influwenza, ħaġa li issa qed issir kważi f'kull Kunsill Lokali. Din is-sena bħas-soltu kienu mijiet li ħadu l-opportunita` u ħadu t-tilqima tal-influwenza fil-Kunsill tagħna. Hawn ma rridx ninsa li nirringrazzja lill-dawk in-*nurses* kollha li offrew voluntarjament li jiġu l-Kunsill biex jagħti dan is-servizz. Grazzi mill-qalb f'isem l-anzjani tagħna.

Bħala attivitajiet soċjali kulturali u edukattivi wkoll din is-sena ma konniex neqsin. Bħas-sena l-oħra bi ftehim mal-*Caritas* saru numru sabiħ, kważi kull ġimgħa attivita` għall-anzjani tagħna. Saru taħdidiet minn nies ikkwalifikati fuq suġġetti li jolqtu l-aktar lill-anzjani. Dawn it-taħdidiet kienu tassew apprezzati u ta' ġid kbir. L-attendenza għalihom kienet tkun sodisfaċenti. Irrid nirringrazzja hawn lill-Kappillan li kien jagħtina s-sala Sant'Anna u San Gwakkin għal dawn il-laqgħat. Ħarġiet Kulturali għall-postijiet diversi u ta' nteress għall-anzjani u l-ħsib tagħhom ma naqsux u dawn kienu fil-veru sens ta' nformazzjoni, edukazzjoni minn barra li kienu jservu wkoll ta' divertiment u m' għandniex xi ngħidu fihom isir wkoll l-logħob tat-tombla. L-anzjani tagħna kienu jkunu minn ta' quddiem biex fejn u meta jistgħu joffru l-esperjenza utli tagħhom kull fejn ikun hemm bżonn meta kienu jiġu mitluba. Ma rridx ninsa s-solitu ħarġiet li jsiru għall-Għawdex. Dawn il-ħarġiet li jkunu tassew apprezzatti mill-ħafna anzjani u residenti li jattendu għalihom.

Ħaġa li ma rridx ninsa wkoll hija li meta nkunu msiefrin barra fuq xogħol tal-Kunsill u jkollna laqgħat ma' awtoritajiet tal-lokal li nkunu fih dejjem naraw kif l-anzjani tagħna jkunu jistgħu jibbenifikaw u jiġu mdaħħlin f'xi programm bejnietna. Dan ġara mhux darba jew tnejn u f'postijiet diversi.

Dwar l-ħarsien tal-annimali ħaġa mportanti li saret kien il-ftehim li sar mal-*Happy Paws* organizazzjoni li tieħu ħsieb l-annimali, biex l-klieb u l-qtates kollha tar-residenti li jkunu jridu li jiġu *neutered*, jistgħu jagħmlu dan bla ebda ħlas, għax bħala Kunsill konna qiesna membri ta' din l-organizzazjoni.

Dan qed nagħmluh biex jonqsu l-ħafna klieb u qtates li bla ebda skrupli jiġu abbandunati fil-lokal.

Twaħħlu kwantita` ta' *doggie bins*, f'diversi postijiet fil-lokal. Nħeġġeġ lil dawk il-ħafna nies li joħorġu l-klieb tagħhom għad-dawra jagħmlu użu tajjeb minnhom ħalli l-lokal ikun aktar nadif. Saru wkoll attivitajiet oħra biex dejjem inħeġġu l-imħabba bejn l-annimali. Saru t-tberik tal-annimali. Attivitajiet oħra bħal-mixjiet bil-*pets* u anke wirjiet u kompetizzjonijiet nazzjonali tal-klieb u qtates saru wkoll matul din is-sena.

Dawn huma xi attivitajiet li qed jiġu f'moħħi li saru matul din is-sena. Kif qed naraw ma kienux ftit, biss hawn irrid nagħmilha ċara li dawn l-attivitajiet kollha ma setgħux isiru li kieku ma kellniex l-għajnuna tas-sotto kumitat tal-anzjani u anke l-Kunsilliera sħabi.

## Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne

Is-Sotto Kumitati tal-Kultura Edukazzjoni u Familja ħadmu bi sħiħ biex itellgħu attivitajiet għall-Iskalini kollha.

Il-Familja:

1. Councilling għall-Familja kollha.
2. Laqgħat għan-nisa.
3. Fuljett għal 200 familja li għandhom bżonnijiet u għajnuna speċjali (jintbagħat kull 3 xhur).
4. Tlestew u tqassam fuljett b'informazzjoni utli fuq informazzjoni ġenerali utli għar-residenti ta' Marsaskala.

Edukazzjoni:

Is-Sotto Kumitat tal-Edukazzjoni ħadem ħafna mas-Surmast u l-Istaff ta' l-Iskola Primarja u Ms. Mifsud il-Prinċipal tal-Kulleġġ St. Thomas More.

Skola :

1. Iltqajna mal-Kunsill Ġdid ta' l-Iskola.
2. Attendejna Kunċerti u Drammi mtella mit-tfal tal-Iskola.
3. Tajna kotba ġodda lill-Iskola.
4. Tajna Għajnuna fi SkolaSajf.
5. Involvejna t-tfal ta' l-Iskola f'attivitajiet kulturali u edukattivi li tella l-Kunsill ta' Marsaskala. Flimkien ma' xi għalliema għallimna t-tfal żfin, kant u logħob folkloristiku ta' l-antik. Ipparteċipaw f'Arti fil-Beraħ. Ħadu sehem f'Jum Marsaskala u f'Settembru tellajnihom fil-Qala Għawdex biex jipparteċipaw fil-festival taż-Żfin Folkloristiku.
6. Fil-Milied tellajna attivita` ta' l-Unjoni Ewropeja *'Exchange Decoration Programme'*
7. Bdejna lezzjonijiet tal-Crafts, I.T. u Malti għall-Barranin.

Librerija :

1. Tajna spinta kbira lill-librerija fejn inkesa l-bejt għax kien jidħol l-ilma, daħħalna sistema kompjuterizzata li ġiet *online*, mal-Librerija Ċentrali biddilna l-ixkaffar kollu, twaħħal *air conditioner*, twaħħlu purtieri u affarijiet żgħar oħra. Minbarra li nxtraw kotba ġodda, ingħataw diversi kotba mill-Librerija Nazzjonali.
2. Tpoġġa l-ewwel stand tal-*BookCafe* għand Grabiel Restaurant. L-idea ta' din hija biex tinxtered il-kultura tal-ktieb u l-qari. Din is-sena beħsiebna npoġġu oħrajn f'postijiet f'kafejiet oħra.

Kultura

1. Karnival – Sfilata u baned.

2. Grupp ta' Majorettes Slovakki fejn ħadu sehem f'programm intensiv ta' ġimgħa organizzata mill-Kunsill kif ukoll ħadu sehem fi sfilati fil-Karnival ta' Malta permezz ta' fondi li l-Kunsill kiseb mil-Unjoni Ewropeja.
3. Arti fil-beraħ (Attivitajiet ta' talent u logħob għat-tfal).
4. Esebizzjoni ta' Pittura u skultura.
5. Wirja ta' oġġetti li għandhom x'jaqsmu mas-sajd.
6. Wirja kbira fil-ġimgħa mqaddsa. Il-personaġġi magħmula min affarijiet riċiklati.
7. Itellat *pageant* tal-Ġimgħa l-Kbira.
8. Jum Marsaskala ( Attivitajiet fuq tlett ijiem).
9. Daħħalna l-kor ta' Marsaskala għal konkors ta' korijiet ġewwa Għawdex.
10. *Coffee Morning* bil-parteċipazzjoni ta' żfin folkloristiku min parteċipanti barranin mill-Unjoni Ewropeja.
11. Presepju (kollox riċiklatt).
12. Lezzjonijiet tal-krafts.
13. Bdejna ħarġiet kulturali kull l-aħħar Ħadd tax-xahar.
14. Ipparteċipajna u organizzajna attivitajiet għall-Istrina fejn inġabet is-somma ta' €947.12
15. Ipparteċipajna fl-attivita` ta' *Puttinu Cares* fejn ilħaqna ir-record tal-*Guiness Book of Records* ta' l-akbar numru ta' nies jistadu f'ħin wieħed.
16. *Party* tal-Milied għat-tfal.
17. Kompetizzjoni għall l-aħjar faċċata mżejna tal-Milied.
18. Kompetizzjoni tal-isbaħ kostum Karnivalesk.

## Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar

Il-Ħidma tiegħi bħala Kunsillier responsabbli mill-Ġonna Pubbliċi, tul is-sena li għaddiet 2010. Kif jaf kullħadd xejn mhu faċli u kif ħadt f'idejja din it-tmexxija mill-ewwel bdejt indur is-siti kollha fil-lokal tagħna fejn seta` kien hemm lok ta' tindif u postijiet oħra li stajna tajnihom wiċċ ġdid. Flimkien mal-Kunsillier responsabbli mill-indafa dejjem kien hemm ko-ordinazzjoni biex inżommu l-lokal tagħna nadif kemm jista` jkun. Jekk wieħed jara u jħares lejn il-ġonna fil-lokal tagħna u fejn dawn iżuruhom ħafna nies jinduna illi inżergħu ħafna fjuri tal-istaġun biex b'hekk fil-preżent qegħdin jifjorixxu. Inkludejna wkoll il-vażi li hemm tul il-promenade fi Triq ix-Xatt. Biex isir dak kollu wieħed irid il-ħin kollu isus wara l-kuntrattur responsabbli mill-Ġonna pubbliċi. Nista` ngħid illi mhux l-ewwel darba li kont jien li ġbitlu l-attenzjoni fuq xi affarijiet illi kemm jiena kif ukoll il-Kunsilliera sħabi sibna li ma kienux skond il-kuntratt.

Fejn jidħlu *roundabouts* u *areas* oħra bħal fejn il-pixxina, l-Bidni u n-naħa taż-Żonqor saret tindifa ġenerali. Saret ukoll tindifa sewwa u qtugħ ta' ħaxix u siġar in-naħa ta' Ġnien San Tumas mit-triq sal-baħar.

Vdat f'ideja wkoll għandi l-*playing fields* li minnhom fil-lokal tagħna għandna erba` li huma Ġnien Antoine Randich, Pjazza Mifsud Bonnici ieħor fi Triq iż-Żonqor u issa li ftaħna riċenti għal ħabib tagħna David Vella ġewwa San Tumas.

Dawn trid ta' kulljum iddurhom u ssegwi kull tip ta' vandaliżmu li jista` jinħoloq kif ukoll timmoniterja l-indafa. L-aktar li qiegħed fi stat ħażin huwa dak ta' Pjazza Mifsud Bonnici illi wara li jiena kont ilni niġbed l-attenzjoni fuqu qbilna b'mod unanimu li l-Kunsill kollu ninvestu s-somma fih ta' madwar 190,000 Ewro.

Qbilna wkoll li peress li l-bankijiet għadhom ġodda u l-fanali flimkien mal-paviment ma kienx għalfejn jinbidlu inħalluhom hemm. Fil-fatt dan l-aħħar ġew ukoll xi kuntratturi minn barra fejn ħadna xi idejat kif dan il-ġnien jista` jinbena mill-ġdid. Kien hemm ukoll xi kitbiet f'xi ġurnali fejn il-Kunsill mill-ewwel qabel li jirrispondi biex ikun jista` jispjega x'qiegħed jagħmel il-Kunsill. Kien hemm ukoll xi bandli li kienu qodma u vandalizzati li tneħħew minn hemm peress illi kienu ta' periklu għal min jużahom speċjalment it-tfal. Kien hemm ukoll ilmenti li xi tfal kienu jilgħabu l-logħoba tal-ballun u peress illi jdejqu lil dawk li jkunu qegħdin bil-qegħda fuq il-bankijiet, daħħalna l-pulizija biex tifrekwenta aktar il-post.

Nassigura illi sa fejn inkun nista` nibqa nagħmel ħilti biex nagħti ħidma tiegħi kif suppost.

## Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sur George Farrrugia

Bħal ma tafu ż-żmien għaddej u ma jistenna l-ħadd. Kull ma jgħaddi ż-żmien jien qiegħed inħossni aħjar għall grazzja tal-Ħanin Alla.

Qiegħed nagħmel l-almu tiegħi kollu biex fejn huwa possibli ninvolvi ruħi fl-affarijiet tal-Kunsill. Il-magażin irranka tajjeb ħafna. Bl-għajnuna ta' sħabi qiegħed ikun dejjem aħjar mill-ħarġa ta' qabel. Fejn ikun hemm bżonn jien dejjem lest biex inmied idejja u ngħin lill sħabi fid-dekasteru tagħhom. Peress li jien penzjonant fejn ikun hemm xi attivita` tal-Kunsill u jkun possibli jiena nmur nieħu parti, anke għall ftuħ tat-*tenders*. Fejn kien hemm bżonn jiena mort u tajt sehemi. B'hekk tkun turi nteress u tkun taf x'inhuwa għaddej ġo Marsaskala. Waqt li nkun nimxi nisma l-ilmenti tan-nies u ngħaddi l-lment. Minn barra hekk aħna ninżammu nfurmati tajjeb sew mis-Sindku anke mis-Segretarju Eżekuttiv. Anke aħna bejnietna inżommu kuntatt bl-*emails* u t-telefon u nżommu armonija u ħbiberija kif għandu jkun Kunsill xieraq għall-Marsaskala

## Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri

Is-sena 2010 kienet sena illi fiha saret ħafna ħidma b'risq l-isports f'Marsaskala. Ħidma li tat il-frott tagħha u ġiet rikonoxxuta kemm lokalment u kemm fuq skala nazzjonali. Għalkemm ksibna apprezzamenti ta' din il-ħidma, bl-ebda mod m'aħna se nieqfu fil-ħidma tagħna, anzi għall-kuntrarju nagħmlu kuraġġ biex inżidu ma` dak ix-xogħol siewi li sar matul din is-sena.

It-talba li kienet saret f'Lulju 2009 biex il-Kunsill jingħata *UEFA Mini Pitch* milli kienu qed iqassmu f'diversi lokalitajiet, is-sena ta' qabel kienet għadha ma ġietx milqugħa peress li dawna kienu diġa ġew imqassma kollha. Kien wara diversi laqgħat u tentattivi minni u minn membru tas-sotto kumitat għall-faċilitajiet sportivi illi t-talba tal-Kunsill għal dan il-*Mini Pitch* ġiet aċċettata. Hawnhekk ma nistax ma nirringrazzjax lis-Sindku illi appoġġjani u ġie miegħi għal diversi laqgħat, kif ukoll lis-Sur Joe Farrugia, membru ta' l-imsemmi sotto kumitat illi kien strumentali għal dan.

Il-Kunsill ta daqqa t'id lill-klabb tal-*Waterpolo* sabiex jinxtraw il-kits għat-timijiet tat-tfal. Inrodd ħajr lis-Sur David Blundell għall-ħidma tiegħu f'dan ir-rigward u biex jintlaħħqu l-aspirazzjonijiet tal-ġenituri ta' dawn it-tfal.

Sadanittant il-ħidma biex jiġi mwaqqaf kumitat tal-futbol ma waqfitx u kien hemm diversi individwi illi avviċinawni biex jgħinuni f'dan il-proġett.

Kien ukoll mwaqqaf grupp ta' *majorettes* magħmul minn bniet ta' l-eta` tal-primarja. Is-Sinjura Patricia Sage kienet kruċjali sabiex dan il-grupp ġie mwaqqaf u hija ħasra illi fis-sajf ta' din is-sena dan il-grupp ma baqax jiffunzjona.

Xi xhur wara illi saret it-talba ma' l-MFA għall-*mini pitch* dan ġie assenjat lill-lokal tagħna bil-patt illi il-Kunsill jingħata t-titlu tal-grawnd ta' l-iskola. Nixteq nigbed għall-attenzjoni ta' kulħadd illi l-laqgħat ma` kull awtorita' governattiva illi b'xi mod setgħet tgħin biex jinġieb dan it-titlu ġiet avviċinata saħansitra kien hemm laqgħat illi attenda għalihom is-Sindku nnifsu iżda minkejja din il-ħidma kollha il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni dam ħafna biex approva it-talba tal-Kunsill.

Saret talba wkoll mill-Kunsill sabiex jingħata l-użu tas-sala ta' l-iskola sabiex jiġu organiżżati fiha diversi sports bħal *table tennis*, *weightlifting* u arti marzjali iżda din it-talba wkoll qatt ma ġiet milqugħa.

F'Marzu saret selezzjoni fost numru tat-tfajliet sabiex minn dawn jintagħżlu 3 sabiex jipparteċipaw *f'Mini European Parliament* fi ħdan id-Douzelage ġo Bellaggio l-Italja. Intagħżlu Dana Portelli, Francesca Zammit u Leonie Genovese. Dawn ġew akkumpanjati mis-Sinjorina Josephine Mifsud il-Prinċipal tal-kulleġġ u minni. Dawn it-3 tfajliet għamlu suċċess f'dan il-*mini parliament* u wieħed jista` jgħid li kienu fost l-aktar 3 żagħżagħ popolari li kien hemm.

Fl-okkażjoni ta' l-EkoFest, f'April ġiet organiżżata *Walking Bus* b'kollaborazzjoni stretta bejn l-iskola u l-Kunsill Lokali. Din l-attivita` kienet tikkonsisti f'mixja illi bdiet minn quddiem il-Hotel Cerviola sa l-iskola. L-iskop tagħha kien illi għal dakinhar it-tfal jimxuha sa l-iskola u jagħmlu attivita` fiżika u b'hekk il-ġenituri tagħhom ma jużawx vetturi li jniġġsu l-arja. Din l-attivita` kienet suċċess kbir li fiha pparteċipaw iktar minn 80 tifel u tifla. Saret talba mill-ġenituri stess biex din l-attivita` tiġi ripetuta b'mod iktar regolari. Il-Kunsill applika f'dan is-sens mal-Kunsill Malti għall-Isports pero` sfortunatament din l-attivita` ma tkomplietx issir minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni. Ħa jsir tentattiv biex terġa tibda ssir din l-attivita` iktar tard matul s-sena skolastika li qegħdin fiha.

F'Mejju saret attivita` sportiva nazzjonali f'Marsaskala. Din kienet il-*Half-Iron-Man Triathlon*. Din kienet l-ewwel darba illi saret attivita` ta' din ix-xorta f'Marsaskala, u fiha pparteċipaw numru kbir ta' atleti, fosthom anki minn Marsaskala. Ħajr lis-Sur Matthew Pace tal-*47 Summer Nights* illi ħadem ħafna u anke sponsorja b'mod qawwi din l-attivita` sabiex tkun is-suċċess li fil-fatt kienet.

F'Ġunju wkoll is-Sur Pace involva ruħu biex tinġieb ġirja imlaqqma t-"10 K" f'Marsaskala. Din ukoll kellha numru kbir ta' parteċipanti fiha, u din id-darba għenu fl-organiżazzjoni tagħha l-grupp tal-*Girl Guides*.

F'dan ix-xahar ġie ukoll imwaqqaf il-klabb tal-futbol ta' Marsaskala. Din hija l-ewwel darba illi l-lokal tagħna għandu klabb rikonoxxut mill-MFA u l-KMS u li ġie ammess biex jipparteċipa fil-*league* Malti. Il-ħidma biex jiġi ntrodott dan l-isport fil-lokal tagħna ma waqfitx, u għalkemm sa dak iż-żmien il-Ministeru tal-Edukazzjoni kien għadu ma laqax it-talba tal-Kunsill biex jingħata l-grawnd tal-iskola, l-klabb tal-futbol irnexxielu jikri bi prezz issussidjat il-grawnd tal-Kulleġġ San Benedettu f'Hal Kirkop. It-tim tal-futbol baqa` jittrenja wkoll fil-grawnd ta' Marsaxlokk, ġol-Kalkara filwaqt li t-tieni *team* baqa` jittrenja ġol-Pieta`.

Il-Kunsill qatt ma waqaf jirsisti illi l-grawnd tal-iskola jiġi żviluppat, u f'Lulju, l-MFA offriet illi jekk il-grawnd imsemmi jgħaddi f-idejn il-*Marsaskala Football Club*, minflok ma tagħti UEFA Mini Pitch lill-Kunsill sabiex jiġi stallat fil-grawnd tal-iskola, din tiksi

l-grawnd kollu bit-turf sintetiku ddawru bil-*fencing* u tinstalla sistema tad-dawl. Minnufih il-Kunsill bi qbil mal-klabb tal-futbol irrinunzja għat-talba tiegħu għal dan il-grawnd, u minflok offra l-għajnuna tiegħu lill-klabb sabiex dan il-grawnd jiġi fl-aħħar irranġat kif inhu xieraq. Hekk kif jitlesta x-xogħol fil-grawnd hemm il-ħsieb li titwaqqaf *nursery* tal-futbol ġo Marsaskala.

F'Settembru 2010 il-Kunsill organizza jum li fih nkiser rekord mondjali biex jintlaħaq l-ikbar numru ta' nies jistadu. Din l-attivita` saret b'risq Puttinu Cares, u matulha ġew organizzati diversi attivitajiet sportivi fosthom kien hawn żewġ għaqdiet ta' l-atletika li organizzaw tlielaq u kompetizzjonijiet għat-tfal fil-*playing field* li hemm fi Pjazza Mifsud Bonnici. F'din il-pjazza kif ukoll fi Triq ix-Xatt kien hemm attrazzjonijiet għat-tfal bħal *Bungee Run* u karozzi tat-tlielaq għat-tfal. Filwaqt li taħt it-tinda ta' Grabiel kien hemm attivitajiet mtellgħin mill-*Malta Weightlifting Association* u mill-*Hibernians Judo Club.*

It-tim tal-futbol tar-raħal tagħna pparteċipa fin-*Knockout League* tal-*MFA* kif ukoll beda l-avventura tiegħu fit-tielet diviżjoni fil-kampjonat Malti. Bħalissa qed jipparteċipaw fil-*league* tat-tielet diviżjoni organiżżat mill-*MFA* fejn diġa ġabu riżultati nkoraġġanti u taw prestazzjonijiet li ġibdu r-rispett ta' nies esperti f'dan l-isport.

F'Novembru bdew jingħataw lezzjonijiet lit-tfal ta' Marsaskala fil-*Judo.* Il-parteċipazzjoni għal dan il-kors hija tajba u kostanti tant li dan il-kors għadu għaddej u hemm il-ħsieb li jitwaqqaf klabb il-quddiem.

F'Novembru wkoll Keith Bonnici ġie nnominat mill-Kunsill Lokali għall-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2010 tal-Fondazzjoni Oasi. Keith huwa żagħżugħ eżemplari illi bin-natural ġeneruż u ferrieħi tiegħu jirnexxilu jlissen tbissima fuq f'omm kull min ikun ħdejh, kif xehdu ħafna ħbieb tiegħu u nies li jafuh, speċjalment dawk kollha li kellhom kuntatt miegħu sakemm kien il-missjoni għand is-sorijiet ta' Madre Tereża ġo Napli.

F'Diċembru bdew diskussjonijiet bejn Amministratur ta' *nurseries* tat-*Table Tennis* fuq bażi nazzjonali, l-Kunsill Lokali, l-Iskola Primarja u l-Kappillan sabiex jiġi ntrodott dan l-isport fil-lokal tagħna.

F'Diċembru wkoll il-Kunsill ħa sehem fil-*Malta Olympic Committee Local Council Sports* awards fejn l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ngħata rikonoxximent prestiġġjuż ħafna għax kiseb it-tielet post minn fost il-Kunsilli Lokali kollha.

F'Diċembru wkoll l-klabb tal-*Waterpolo* beda jagħmel xi sessjonijiet ta' taħriġ għat-tfal taħt it-tinda *Ta' Grabiel.* Ta' min jgħid illi l-proprjetarju offra l-użu ta' din it-tinda lin-*nursery* tal-*Waterpolo* mingħajr ħlas u dana bl-intervent tal-Kunsill.

Kienet sena ta' ħidma bla heda illi fiha saru numru kbir ta' attivitajiet u kuntatti ma' l-għola awtoritajiet fil-qasam sportiv Malti. Nirringrazzja lil Kunsilliera sħabi speċjalment lis-Sindku illi tant appoġġjawni fil-ħidma tieghi.

## Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri

Ġew installati lampi ġodda f'dawn it-toroq:

Triq Frans Grech, Triq Għaxqet l-Għajn, il-Bajja ta' San Tumas, Triq il-Baħħara, Triq il-Blajjiet, Triq Phillipe De Vendom, Triq De Rohan, Triq is-Sikka, Triq tal-Buttar, Triq il-Qrempuċ, Triq is-Sajjieda, Triq Ġebel Ħanxul, Triq l-Ikħal għal Triq il-Qawsalla, rifletturi li jagħmlu dawl tul il-kosta għal fuq il-baħar, twaħħil ta' *belisha lights* u rifletturi kif

meħtieġ fuq 7 *zebra crossings* madwar Triq iż-Żonqor, Triq ix-Xatt u Triq is –Salini u bdejna inwaħħlu fanali ġodda fuq stil rustiku fil-qalba antika tal-Pjazza Dun Tarcis.

Ikkordinajt mal-Kuntratturi sabiex sar id-dawl għall-attivitajiet tal-Pegaent tal-Ġimgħa il-Kbira, Arti fil-Beraħ u t-Tieġ Malti, Iljieli Skalin u d-dawl kollhu tal-Milied.

Applikajna u ġejna magħżulin biex norganizzaw attivita` ta' nformazzjoni fuq ġurnata, imsejħa Xjenza fil-komunita`, din itellat flimkien mal-Kunsill Malti tax-xjenza u teknoloġija.

Attendejt bosta laqgħat u seminars dwar l-aħjar użu tal-Enerġija għal komunita`, tal-aħħar ikun għand l-Enemalta dwar kif nistgħu nedukaw l-Iskalin biex jużaw id-dawl iktar bil-galbu.

Saret manutenzjoni kontinwa fuq il-lampi tat toroq u Ġonna Pubblici kollha, kif ukoll ikkordinajt sabiex għamilna dawl ġdid fil-Ġnien David Vella.

## Latrini Publiċi

Għamilna *referbishment* fil-latrini tan-naħa taż-Żonqor, kif ukoll saret manutenzjoni fil-latrini kollha matul is-sena kollha bħal per eżempju ġew imbajda mill-ġdid minn ġewwa u min barra l-latrini ta' San Tumas u taż-Żonqor.

## Wirt Storiku

Għamilna talba għal fondi speċjali għar-restawr ta' postijiet storiċi, fejn inatajna s-somma sabiħa ta' €12,000. Hu ppjanat li bihom nagħmlu r-restawr meħtieġ fuq n-niċċeċ, ta' San Spiridjun, Sant'Anna u San Tumas.

Imbeda x-xogħol fuq l-inventarju ta' siti mportanti u storiċi fil-lokal tagħna u qegħda titella` paġna b'tarif signifikanti fil-fuljett tal-Kunsill bil-għajnuna tas-Sotto Kumitat dwar xi siti storiċi fil-lokal tagħna. Minbarra dan saru bosta laqgħat ma' entitajiet varji sabiex jinbeda proċess ta' Devoluzjoni ta' siti storiċi.

F' Lulju li għada permezz tal-programm *Youth in action* tal-EU u bil-ġemellaġġ li aħna għandna ma' Douzelage kont inkarigat biex tellajna erba` żgħażagħ ġewwa Judenburg fl'Awstrija għal ġimgħa fejn aħna ipparteċipajna ma tnax-il lokalita` oħra fuq tagħrif dwar il-klima u l-effetti tal-*Global Warming.*

# Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt

## Marittimu

Matul is-sena li għaddiet il-Kunsill ħa ħsieb li flimkien mal-Awtorita` marittima iżid iż-żoni tal-għawm kif ukoll ħadna ħsieb li s-sigurta` tal-għawwiema tkun protetta. Żiedna dwal li jagħtu fuq il-baħar madwar il-*promenade* sabiex nissalvagwardjaw l-opri tad-dilettanti li għandhom rmiġġ fil-bajja tagħna u fl'istess ħin inkomplu insebbħu l-bajja u l-madwar.

## Ġemellaġġ

Matul din is-sena sar ħafna xogħol fejn jidħol ġemellaġġi fosthom appuntajna nies professjonali sabiex ikunu jistgħu jgħinuna sabiex napplikaw għal proġetti tal-EU biex kemm bħala Kunsill kif ukoll bħala residenti nieħdu sehem fi programmi ta' edukazzjoni, sportivi, ta' avventura kif ukoll nattiraw investiment lejn il-lokal tagħna.

Komplejna bil-ħidma tagħna fid-Douzelage, fejn ipparteċipajna f'żewġ programmi wieħed f'Judenburg l-Awstrija u ieħor Belaggio l-Italja. Addoloxxenti mill-lokal ipparteċipaw f'dawn il-programmi. Il-Kunsill iddeċieda ukoll li jagħmel monument mill-isbaħ bil-pajjiżi kollha membri tad-Douzelage bħala parti mill-identita` ġdida tal-ġemellaġġ ta' Marsaskala. Delegazzjoni mill-Kunsill ser ikun qiegħed jattendi fi Granville Franza f'Mejju li ġej għall laqgħa ġenerali annwali, fejn fih ser inkunu qegħdin nieħdu sehem f'*work shops* tal-edukazzjoni permezz ta' żewġ żgħażagħ mill-lokal tagħna. Matul is-sena li għaddiet kellna fostna għal darbtejn il-President tad-Douzelage kif ukoll delegazzjoni min Sigulda Latvia.

Il-Kunsill ħa ħsieb li jipparteċipa f'attivitajiet imtella` mil-Kunsill tal-Qala Għawdex u aħna stedinna lilhom sabiex jipparteċipaw fl-attivitajiet imtella` mill-Kunsill tagħna.

## Responsabilita` tal-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett

F'Jannar tal-2010 il-Kunsill iffirma ftehim mal-iskema awtorizzata Green MT Limited, li hija kumpanija li tħaddem sistema ta' ġbir ta' skart separat u li permezz ta' dan il-ftehim saret responsabbli mill-ġbir kollu tal-iskart separat fil-lokalita` tagħna u t-tbattil tal-*bring-in-sites*. Green MT qegħda wkoll tissuplixxi l-lokalita` tagħna bil-*bring-in-sites* kif ukoll tipprovdi servizz tal-Eko Councillors. Dan filwaqt li wara l-iffirmar ta' ftehim ieħor li sar fi Frar bejn il-Kunsill Lokali u l-WasteServ, li permezz tiegħu l-Kunsill ħa f'idejh ir-responsabilta` tal-*bring-in-sites* tal-WasteServ, il-Green MT qegħda wkoll tieħu ħsieb dawn il-*bring-in-sites* li qabel kienu jieħdu ħsiebhom il-WasteServ. Dan apparti l-benefiċċji finanzjarji li l-Kunsill lokali jibbenefika minnhom skond l-ammont ta' skart separat li jinġabar.

Tul l-2010 komplejna nżidu l-ammont ta' *bring-in-sites* fil-lokalita` tagħna, bl-għan ewlieni tagħna huwa dak li nilħqu dejjem aktar residenti u tiżdied aktar il-kumdita` biex wieħed jissepara l-iskart tiegħu u noħolqu aktar kuxjenza biex kulħadd jissepara l-iskart tiegħu, xi ħaġa li qegħda tidħol sew kemm fost ir-residenti u kemm fost il-ħwienet għaliex qed ikollna koperazzjoni tajba ħafna.

Matul din is-sena rajna t-twaħħil ta' 30 *stainless bin* tas-separazzjoni matul il-Promenade. Dan sar permezz tal-iskema Green MT, li wara diskussjonijiet magħhom tawna dawn il-bins innovattivi. Dan sar biex nkomlu nedukaw lir-residenti u nies li jżuru l-lokalita` tagħna jisseparaw l-iskart anki waqt li jkunu qegħdin jikkrejaw ruħhom, filwaqt li jagħtu dehra aktar nadifa u sabiħa lill-Promenade. Għal skart organiku li ma jistax jigi separat imbad tpoġġew bins apposta. Twaħħlu wkoll bins fejn xi *bus shelters* u *bus stops* u ġew irranġati l-bins li hemm fil-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonniċi.

Matul is-sena li għaddiet fix-xhur tas-Sajf sar servizz ta' knies tal-Promenade bil-lejl, bejn il-Ħamis u l-Ħadd ta' kull ġimgħa, filwaqt li nhar ta' Ġimgħa, Sibt u Ħadd ta' l-istess xhur wara nofsinhar sar ukoll servizz ta' ġbir ta' skart organiku extra.

Bejn it-23 u l-25 ta' Lulju, fil-weekend tal-festa ta' Sant Anna, saret inizjattiva bl-isem ta' **Eko Festa,** li permezz tagħha ħeġġiġna lir-restoranti, bars, każini u ħwienet oħrajn fil-lokalita` tagħna`, biex minkejja x-xogħol akbar li jkollhom f'dawn il-ġranet, jagħmlu sforz akbar u jisseparaw l-iskart tagħhom f'boroż griżi li l-Kunsill provdilhom b'xejn għal din l-okkażjoni. Marbut ma' dan għamilna żewġ kollezzjonijiet apposta f'kull lejl ta' dawn il-ġranet, wieħed ta' dawn il-boroż b'materjal riċiklabbli li wara ġew mbattla u magħżula mill-kollettur f'sit ta' *Bring-In-Sites* li tpoġġa apposta għal din l-okkażżjoni u kollezzjoni oħra ta' skart organiku. B'hekk assigurajna li hekk kif spiċċaw l-attivitajiet u ċelebrazzjonijiet sar tindif b'mod immedjat.

Sar ukoll tqassim ta' boroż griżi b'xejn lir-residenti.

Il-Kunsill applika u bbenefika mill-iskema 'Lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali', fejn ingħata s-somma ta' €16,000 biex jintużaw għal spejjeż ta' servizzi ta' tindif fix-xhur tas-Sajf.

Inħarġet ukoll sejħa ġdida għall-offerti għas-servizz ta' ġbir ta' skart, fejn fost affarijiet ġodda f'dan it-tender hemm li l-ġbir ser jibda jsir b'mod normali anki nhar ta' Ħadd, għalhekk ser ikollna *door to door collection* mit-Tnejn sal-Ħadd.

## Qrib il-Poplu

Bla dubju u b`wiċċi minn quddiem ngħid li dan il-Kunsill ħadem id f`id mar-residenti. Wieħed jifhem li ma tistax tikkuntenta l-kullħadd iżda wara diskussjoni dejjem wasalna. Jiena nemmen ħafna bid-djalogu u b`hekk dejjem wasalna. L-għan tagħna l-Kunsilliera kien dejjem wieħed dak tal-ġid komuni. Qatt ma naf li daħħalna xi-partiġġjaniżmu waqt xi diskussjoni għall-ġid tal-lokal tagħna. Dejjem ħdimna għal għan wieħed dak tal-ġid komuni fil-lokal tagħna. Il-każi fejn ma kienx hemm qbil waqt xi diskussjoni jingħaddu fuq id waħda. Tista` tgħid wettaqna dak li wiegħdna u iżjed. Ħadna l-okkażżjoni u għamilna użu minn dawn il-fondi sabiex stajna nagħmlu iżjed xogħol. Qatt ma naf iddejjaqna niffaċċjaw kritiċi basta kostruttivi.

Qabel ma nispicca d-diskors tiegħi ma nistax ma nižžikhajr il-ħafna nies li kienu spalla ma` spalla miegħi fil-qagħdi ta` dmirijiet tiegħi. Is-Segretarju Eżekuttiv li wera il-kapaċitajiet tiegħu f`din l-aħħar sena u kien ta` eżempju fuq xogħolu, l-iskrivani tad-determinazzjoni fuq xogħolhom, il-ħaddiema tal-IPSL li ġieli ħarġu miż-żarbun tagħhom biex kemm jista` jkun jagħtu servizz lir-resident skalin u fuq kollox il-Kunsilliera sħabi li l-maġġoranza tagħhom huma dedikati. Dawk kollha li ħadmu qatiegħ bħas-sotto kumitati tal-Kunsilliera u kif ukoll dawk li m'humiex fil-kumitati iżda ta` kuljum iwasslu lmenti u suġġerimenti bis-sens. Tkellimna magħhom u smajnihom. Dan huwa l-istil li ħadem bih il-Kunsill tagħna stil li tista` tgħid ingħoġob mill-maġġoranza tal-Iskalin.

Jiena personali nista` ngħid li naħdem sewwa ħafna mal-maġġoranza tal- Kunsilliera li hemm fi ħdan il-Kunsill Lokali tagħna. Nista` ngħid li kullħadd qiegħed jagħmel l-almu tiegħu f`kull responsabilita` li għandhom. M`hemmx għalfejn ngħidu li ħafna drabi tkun diffiċċli minħabba l-ġeneru tax-xogħol tagħhom iżda żgur li l-isforz li jagħmlu huwa kbir.

Dejjem fittixna l-xulxin. Hawn ħafna u ħafna xogħol. Ħafna drabi nibqgħu għaddejjin sa tard bil-lejl bil-laqgħat u diskussjonijiet biex tittieħed deċiżjoni bil-għaqal u fl-aqwa nteress tar-residenti tagħna. Hemm grupp żgħir ta` nies li ma japprezzawx, anzi minflokk ifixklu. Fadal sentejn oħra biex tingħalaq din il-leġislatura. Hemm bżonn li intkom l-Iskalin tingħaqdu iżjed ħalli nibqgħu mexjin f`din id-direzzjoni. Jekk it-tmexxija tagħna jkollha viżżjoni u determinazzjoni u wieħed jemmen f`dak li jwettaq żgur li wieħed iwassal id-dgħajsa fid-destinazzjoni tagħha. Nassigurakom li dejjem kont hemm biex nisma u l-bibien tal-uffiċċju tas-Sindakat tiegħi dejjem kienu miftuħa. Qatt ma rrifjutajt lil-ħadd anzi ilqajt lill-kullħadd. Kien hemm fejn kelli nieħu deċiżjonijiet iebsa.

## Ġejjieni Sahan

Ħbieb tiegħi Skalin, jeħtieġ li nifhmu darba għal dejjem li bidla radikali mill-qiegħ hija meħtieġa biex insebbħu l-lokal tagħna, natuh sura arkitettonika u estetika, nattiraw

residenti ġodda li jgħollu l-livell tal-għixien u hekk nagħmlu rejalta` l-ħolma tagħna li flimkien nibdlu lil dan il-lokal sfreġjat minn bini bla sens fl-isbaħ post fin-nofsinhar ta` Malta.

Kif qed taraw ilni naqra għal din l-aħħar kwarta u iżjed. Aħseb u ara biex dan ix-xogħol kollu jitkattar. Jiena ċert li Alla magħna u dak li għidt hawn fuq kollu sar bil-għajnuna tiegħu. Hekk ser ikun magħna wkoll f`dak li għadu ma` twettaqx.

Dan żgur mhux ser nagħmlu waħdi, jew mal-Kunsilliera biss. Hemm bżonn minn iżjed joffri l-għajnuna tiegħu/a ħalli nkomplu nikkompetu fis-sbuħija tal-lokal tagħna ma` lokalitajiet oħra.